# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 11 ta' Jannar, 2002**

**Numru 35**

**Avviz numru 1527/00DM**

**Elmo Insurance Agency Limited, in rappresentanza tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta' estera Sun Alliance & London Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghhom Carmel Xuereb**

**vs**

**Raymond Friggieri u Middle Sea Insurance plc**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti in solidum bejniethom sabiex ihallsu s-somma ta' hames mija u tlettax-il lira erbgha u erbghin centezmu (Lm513.44c) in linea ta' danni bhala l-ammont li sborsat favur l-assikurat taghha biex indennizzatu in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara Birbirkara fit-30 ta' Marzu, 1999, meta waqt li l-konvenut Raymond Friggieri kien qed isuq l-vettura Nru. KBA 626 habat mal-vettura Nru. VWG 070 propjeta' ta' Carmel Xuereb u misjuqa minn Alison

Xuereb, ghal liema incident il-konvenut Raymond Friggieri kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti, liema responsabbilta' ghall-incident u konsegwenti obbligazzjoni ghall-hlas tad-danni giet accettata mill-konvenuti Middle Sea Insurance p.l.c. bhala assikuraturi tal-vettura Nru KBA 626 u tal-istess Raymond Friggieri.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Novembru, 1999 u dawk tal-15 ta' Mejju, 2000, u bl-imghax legali mit-18 ta' Novembru 1999, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati la dehru biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma dehru fis-seduta tallum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom sabiex ihallsu lill-atturi ghar-ragunijiet indikati fl-avviz is-somma mitluba ta' hames mija u tlettax-il lira u erbgha u erbghin centezmi (Lm513.44c) bl-imghaxijiet legali b'effett mit-18 ta' Novembru tas-sena 1999;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti in solidum bejniethom.

Magistrat

A. Farrugia
Dep.Reg.

va